Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,273, 21 ta' Ġunju, 2024
Taqsima B

A.L. 145 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science - M.Sc. - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 363 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (a) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Commerce minn din l-Università, fl-istess qasam jew f'oqsma ta' studju li huma relevanti mal-oqsma ta' studju li ġew magħżula fl-applikazzjoni, miksub tal-inqas b'Kategorija II; jew"